**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' April 2017**

Rikors Guramentat Nru. 231 / 16RGM

Kawza fil-lista: 16

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien li minnha nhar is-7 t'Awwissu 2012 twieled il- minuri Jack D B u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A);

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn wara li l-intimat, b'konsegwenza ta' certi vizzjijiet li ghandu, kien fizikament u emozzjonalment vjolenti mar-rikorrenti u fil-fatt kien hemm anke okkazjonijiet fejn huwa anki refa' idu luq l-esponenti u dan anke fll-prezenza tal- minuri;

3. Illi sfortunatament sal-lum, l-intimat ghadu m'ghelibx il-problema serja ta' droga li huwa ghandu u fU-fatt sa recentement huwa anke instab mitluf minn sensih u kien fil-kura intensiva tal-Isptar Mater Dei u dan minkejja li huwa kien anke jigi segwit minn professjonisti;

4. Illi minkejja diversi tentattivi ghall-ftehim amikevoli, u anke diversi digrieti moghtija minn din l-Onorabbli Qorti li kienu jirregolaw l-access u l-

manteniment dovut ghall-minuri, minhabba intransigenza tal-intimat, il-partijiet qatt ma waslu ghall-kompromess, tant li l- esponenti ma kellhiex ghazla ohra ghajr li tintavola l-proceduri odjemi;

5. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat permezz ta’ digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 23 ta’ Gunju 2016, kif estiz b’digriet iehor tas-16 t’Awwissu 2016;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1) Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Jack D B fidejn ir-rikorrenti, b’dana illi d- decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta’ natura ordinarja kif ukoll dawk ta’ natura straordinaija u cioe' dawk ta’ edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno' ta’ passaport, jittiehdu esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;

2) Tiffissa granet u hinijiet ta’ access fliema l-intimat ghandu jara lill-minuri taht is- Supervizjoni tal-Agenzija Appogg u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

3) Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemni l-istess jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi *full time,* jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi *full time* u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz prowediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma’ nofs l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

4) Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal- intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista’ jkollu, jew rninn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista’ jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

5) Taghti dawk il-prowedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncemaw lill-minuri, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal- minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull prowediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-lista tax-xhieda pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat in-nota attrici a fol 9 tal-process li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat li ghalkemm debitament notifikat, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta guramentata;

Rat in-nota ta' l-attrici (fol 171) li permezz taghha pprezentat dokument rapprezentanti hlasijiet ta' manteniment li saru mill-intimat u/jew minn ommu, kif ukoll elenku tal-arretrati ta' manteniment li ghadhom dovuti lilha sal-lum.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-provi kollha migjuba quddiemha.

Rat l-atti tal-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet bin-numru1434/14CBS, li gie allegat mal-atti tal-proceduri odjerni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

L-**attrici** tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 10) u tghid illi fis-7 ta' Awwissu 2012 twieled it-tifel taghhom Jack D B. Dak iz-zmien meta twieled it-tifel, il-konvenut kien diga beda jmur ghand il-'Probation Officer' u suppost anke ghand il-Caritas. Izda spiss kien jaghzel li ma jmurx u kien anke beda ta' spiss jibdel ix-xoghlijiet tieghu, ghax jiddejjaq fejn ikun.

Tghid li ftit wara li twieled Jack, kienet sabet xi flus nieqsa li kien qala' bhala rigal it-tifel u li bihom kellha thallas ir-ritratti li kien hadilhom l-photographer ghall-maghmudija tat-tifel. F'Novembru ta' dik is-sena stess, kellha titla' 3 ijiem l-Ingilterra biex tixtri karozza. Kienet halliet il-Visa Card lill-konvenut biex jekk jinqala' xi haga lit-tifel ikun jista' juzaha ghax hu ma kienx ikollu flus peress li iktar kien ma jahdimx milli jahdem. Kif waslet mill-Ingilterra, sabet €200 nieqsin mill-Visa Card. Hu qalilha li kien habat bil-karozza u kellu jhallas il-hsarat tal-persuna li habat maghha. Hija emnitu u biex tipprova zzomm il-familja maghquda, iddecidiet li ma tghid xejn iktar u waqfet hemm.

Sadanittant, il-konvenut rega' beda daqqa jahdem u daqqa le. F'Gunju tas-sena 2013, indunat li rega' beda jmiss id-drogi. Meta kienet kellimtu dwar dil-kwistjoni kien inqala' hafna glied u ghajjat. Rega` qalilha biex taghtih cans iehor u li ha jaghmel minn kollox biex jinbidel. Ghalhekk regghet tatu cans iehor. Izda, f'Dicembru ta' dik is-sena stess regghet sabitlu affarijiet bhal siringi, bott, u karti tas- siringi gol-karozza tieghu. Hu kien jiltaqa' ma' shabu waqt li hi kienet taghmel tlett xoghlijiet differenti biex tlahhaq mal-kera u l-kontijiet u l-ispejjez tat-tifel.

Tghid li kien ikun hemm hafna ghajjat u t-tifel kien jibki hafna avolja kien ghadu zghir. Hi qatt ma qatghet qalbha u kienet lesta li tghinu jekk hu dejjem ried l-ghajnuna. Ghalhekk regghet tatu cans iehor. Wara li kien beda jahdem, iddecidew li jixtru post flimkien biex minflok ihallsu l- kera jkollhom loan, pero' l-post ikun taghhom. Izda meta kienu marru l-banek biex jaghtuhom loan, ma setghux jiehduh peress li l-konvenut kellu garnishee order mahrug mill-Go Mobile. Bit-tama li jibnu familja go dar taghhom, hi kienet hallsitlu €900 lill- Go Mobile, biex dawn iwaqqghu l-mandat u johrog il-loan. Hu kien qalilha li ha jaghtiha l-flus lura imma qatt ma taha xejn.

Wara li hu rega` beda jbiddel ix-xogholijiet u ma jkampa mkien, iddecidiet li tixtri l-post wahedha. F'dik is-sena stess, fit-2014, il-konvenut kellu incident gravi bil-karozza; fejn skont hu kien intilef minn sensih waqt li kien qed isuq. Wara li ghamel xi 3 xhur l-isptar, kien qalilha li daqshekk ha jmiss drogi. Sfortunatament dik il-weghda ma tantx damet u mhux talli ma messhomx imma talli qabditu jittaqqab fil-kamra tal-banju go darhom stess, fejn kienu jghixu mat-tifel li kien ghad kellu biss sentejn. Dak il-hin kienet keccietu ‘l barra imma hu kien faqa' l-bieb ta' barra u anke kien sawwatha. Kienet cemplet il-pulizija ukoll imma kinitx marret il-polyclinic, ghax dakinhar kienet bezghet tohrog u thalli lil Jack mieghu.

Wara li regghet hafritlu, dak ix-xahar stess kienet regghet qabditu jittaqqab fid-dar ta' ommha. Minn hemm seraq camera tar-ritratti ta' missierha u dan tafu ghax sabet il-pocket u l-sd card tal-istess camera mohbija fil-gwardarobba tieghu. Fl-istess xahar stess kienu nsterqu laptop u tablet minghand il-gara li kienet toqghod tahthom. Sid il-kera kienet wahhlet fil-konvenut ghax kienet ghadha kemm tat ic-cwievet lilu ghax kien qalilha li ssakkar barra u fil-fatt sa kienu gew il-pulizija jaghmlu tfittxija fl-appartament. Ezatt wara, tkeccew minn hemm.

Minn hemm, iddecidiet li tmur toqghod ghand ommha, izda hu ma riedx. Hu fittex xoghol u kien dam jghidilha biex taghtih l-ahhar cans. Fl-istess zmien, marret tkellem lill-Avukat taghha biex tiehu t-tifel u fethet medjazzjoni.

Wara li kienu tkellmu, iddecidiet li taghtih l-ahhar cans minhabba t-tifel biex jitrabba go familja. Il-medjazzjoni xorta bdietha biex jekk jerga jaqa u jmiss ma dawk l-affarijiet, ma jkollix ghalfejn tistenna hafna. Fil-fatt, il-Medjatrici kienet

anke issuggerit li jmorru ghand Counsellor. Hi offrietlu li tmur mieghu kemm ghand tal-Caritas u anke ghand tad-Detox imma huwa xorta kien ghadu jbiddel ix-xoghlijiet u paga bilkemm igib mieghu d-dar, ghax hafna drabi kienet tkun ga dejn.

Hi ddecidiet li ma thallihx juza l-karozza taghha u huwa kien irrabja u refa` jdejh fuqha biex jiehu c-cwievet u telaq. Ghamlet rapport. Minn dak iz-zmien '1 quddiem huwa kien beda jehdilha c-cekkijiet, jiffirmahom hu, u jmur issarrafhom u anke jitlob il-flus lil tal-hwienet u lil sid tal- post il-kera fejn kienu qed jikru f'dak iz-zmien.

Tghid li l-ahhar incident li kien inqala' kien meta kienu nezlin minn Popeye's Village bil-karozza, u kien qabad itiha wara li lletikaw. Hemmhekk iddecidiet li ma setghetx tibqa' tghix hekk, ghax dik ma kinitx familja. Ghamlet rapport u fl-istess zmien kien hareg digriet habba l-kura u l-kustodja tat-tifel, il-manteniment u l-access tieghu.

Minn hemm ippruvaw hafna drabi jaslu ghall-kuntratt u fil-fatt l- avukati taghha kienu anke kitbuh; izda kull meta jaghmlu data biex jaqraw il- kuntratt, hu kien jitlob differiment jew jaqla` xi haga gdida. Tghid li fl-ahhar ried li jaqsam nofs bin-nofs ic-children's allowance jew li jaghmluhom f'kont kongunt li huwa jkollu access ghalih. Hi qatt m'accettat u ghalkemm kienet lesta li ttih prova li mhux qed tmisshom u qed tfaddalhom ghat-tifel, huwa baqa' jirrifjuta. Kien ghalhekk li ma kellhiex ghazla ohra hlief li taghmel il-kawza.

F'dawn l-ahhar xhur, il-konvenut kien rega' instab mitluf minn sensih go Wied, u hadd ma jaf jekk kienx over-dose jew jekk tahx xi xebgha xi hadd u fil-fatt ghamel xhur shah fl-ITU u recentement huwa inqabad jisraq xi injam u anke tressaq il-Qorti u safejn taf hi qieghed il-habs u recentement anke kien fl-ahbarijiet ghax beda jdur xi residenzi u hwienet jitlob il-flus taparsi ghall-karita' meta kienu ghalih. Dan tafu minn fuq ir-riportagg tal-media.

Tispjega wkoll li l-konvenut ilu ma jhallas manteniment sa minn Settembru 2016 u bejn Mejju u Settembru 2016 il-manteniment kienet thallsu ommu; pero' flok Eur 250 kif jghid id-digriet, din kienet ittiha biss Eur 200. Tghid ukoll li hu qatt ma qasam maghha nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u tal-precett tat-tifel u meta gieli tkarrbitlu dejjem qalilha li jekk trid xi flus minghandu, l-ewwel trid tirranga mieghu

Tghid li tatu hafna cansijiet, u verament xtaqet li fl- ahjar interess ta' binhom, ikunu flimkien bhala familja, pero' fic-cirkostanzi, ma kienx fl-ahjar interess tieghu li tibqa' f'dik ir-relazzjoni u hlief ghajjat u glied ma jarax. Iktar u iktar,

meta binha iktar jaf lill-missieru l-isptar mhux f'sensih, milli gawdih bhal ma jaghmlu tfal ohra.

Apparti min hekk, fis-7 ta' Dicembru, 2016, it-tifel kellu bzonn li jattendi vista ghand 'Psychologist' biex isirlu l-'Connors Test'. Dan ma setax isir peress li Dr. Anna Cassar ma kellhiex il-kunsens tal-missier li tara lil Jack u li taghmillu t-test. Hi ma kinitx taf fejn qieghed C u meta kellmet lil ommu biex ittiha l-informazzjoni qaltilha li ma jistghux inkellmuh. Din is-sitwazzjoni m'ghadhiex vijabbli u huwa ghalhekk tixtieq li jkollha l-kura u kustodja tat-tifel f'idha halli tkun nista' taghmel dak kollu bzonnjuz fl-interess tieghu.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Frar 2017, tixhed l-Ispettur **Charlotte Curmi** li tipprezenta zewg files relattivi ghal rapporti fil-konfront ta' A B u C D, kif ukoll il-kondotta ta' A B u C D, u kull rapport fejn hemm involut C D.

Jixhed ukoll **Saviour Theuma** rapprezentant tas-Sigurta` Socjali illi jipprezenta dokument immarkat DSS1 (fol 149) li juri li bejn l-1/01/2013 sa l-31/12/2016, il-konvenut ippercepixxa unemployment benefits fl-ammont ta' €322.56. Jghid li llum il-konvenut ma hu qieghed jippercepixxi xejn.

**Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobs Plus jipprezenta l-employment history (Dok JP 2 a fol 151) u registration history (Dok JP 1 a fol 150) ta' C D, kif ukoll ir-registration history (Dok JP 3 a fol 163) u l-employment history (Dok JP 4 a fol 164) ta' l-attrici.

Tixhed ukoll **Rebecca Formosa**, *speech language pathologist* li tghid inter alia illi iben il-partijiet imur ghandha peress illi kellu *language delay*. Tghid li mexa 'l quddiem hafna izda dan l-ahhar innutat li qed ilaqlaq. Tghid li l-komportament tieghu gewwa l-klinic dejjem kien tajjeb ghalkemm l-omm tghid li mhux dejjem jobdi. Tghid li ghandu diffikulta` fl-attenzjoni u xi kultant iqum biex jara x'ghandha pero` meta tghidlu jpoggi lura huwa jmur. Tghid li mis-sena 2014 beda jara speech therapist ohra izda fis-sena 2015 beda maghha, u jkollu session kull hmistax jew tlieta. Tghid li l-omm tahdem hafna mid-dar u ghalhekk ma thossx il-bzonn li tara lit-tifel daqshekk frekwenti. Tghid li flus ma humiex involuti. Hija tipprezenta lista tal-appuntamenti li saru u min kien mieghu (Dok RF1 a fol 168) u rapport (Dok RF2 a fol 169).

Jixhed ukoll **Terry Pace** Kap tal-iskola Qormi St George u jghid li xoghol l-attrici huwa ta' Kindergarten Assistant. Jghid inter alia illi hija uriet li ghandha hiliet tajbin u t-tfal jissetiljaw mill-ewwel. Hija uriet li hija habrika, organizzata u taghmel dak mixtieq minnha. Jghid li qatt ma kellhom kaz taghha mal-genituri u l-genituri tat-tfal ihobbuha u ghandhom rispett kbir lejha. Hija taf tikkollabora u ghandha hafna kwalitajiet li fl-iskola jaghmlu impatt pozittiv.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Provvedimenti Legali applikabbli ghall-kaz</u>**

L-**Artikolu 93 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:
*"93. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 89, il-ġenituri ta' tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ għandhom lejn dawk it-tfal u d-dixxendenti tagħhom l-istess dmirijiet li jmantnuhom u jedukawhom bħalma għandhom lejn tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ, u dawk it-tfal għandhom kwantu għall-axxendenti tagħhom u qraba oħra l-istess jeddijiet u dmirijiet li għandhom tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ."*

L-**Artikolu 7 tal-Kap. 16** jipprovdi:
*"7. (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

In kwantu l-obbligi versu l-ulied tal-genituri mhux mizzewga huma identici bhal dawl tal-genituri mizzewga, japplikaw ukoll is-segwenti provvedimenti.

L-**Artikolu 3 B tal-Kap 16** jipprovdi:
*"3B. (1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż- żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*
*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Kap. 413. Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta' ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jew matul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skont id-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII ta' l-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf: Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għallobbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149."*

L-**Artikolu 19 tal-Kap 16** jipprovdi:
*"(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom."*

L-**Artikolu 20 tal-Kap 16** jipprovdi:
*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew ilpensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti lmanteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru lpersuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust."*

L-**Artiklu 149 tal-Kap 16** jipprovdi:
*"149. B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il- Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l- ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l- età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel."*

**<u>Gurisprudenza in materja</u>**

F'materja ta' manteniment, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Gunju 2009 **A B vs C B** [425/07NC), fejn inghad:

*"In tema legali jigi osservat li, ghalkemm il-manteniment dovut ghandu jkun proporzjonat bejn il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-minuri, jibqa' ferm il-principju li "kull genitur ghandu obbligu jikkontribwixxi ghall-ghixien u l-*

*manteniment tal-ulied, u ghal dan il-ghan kull genitur ghandu jara x' jaghmel biex jaghmel sforz genwin [anke a skapitu tal-interessi personali tieghu] biex imantni lill-ulied li jkun gab fid-dinja"*[1] *multo magis meta, bhal fil-kaz prezenti, il-genitur, allura l-konvenuta, kapaci tahdem u tiggenera ntrojtu."*

Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Dicembru 2005 fl-ismijiet **Isabelle Muscat pro et noe vs James Muscat,** fejn rigward access, il-Qorti sahqet:

*"[il-Qorti] thoss li huwa fl-ahjar interess ta' l-istess minuri, li jkollhom access adegwat kemm ghall-omm u kemm ghall-missier. Dan il-principju ma japplikax biss meta l-missier jew l-omm jagixxu b'mod abbusiv fil-konfront tal-minuri."*

F'sentenza ohra datata 5 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet **Marion Meli vs Emanuel Meli** l-Qorti ta' l-Appell, b'referenza ghal gurisprudenza ulterjuri in materja sahqet:

*"...din il-Qorti thoss li taqbel mal-ewwel Qorti li dan hu wiehed minn dawk il-kazi fejn il-kuntatt bejn l-ulied u l-genituri aktar jaghmel hsara milli gid.*

*Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Cutajar v. Amelia Cutajar (28 ta' Jannar 1956) l-istess Qorti qalet; "apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subiecta materia' li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet bhal dawn in xorta ta' din il-kawza huwa dak tal-aktar utitlita` u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u de facto li jkunu irrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut".*

*Dan il-hsieb li huwa fuq kollox rifless fl-Artikolu 149 tal-Kodici Civili li jghid li l-Qorti ghandha dejjem tiddeciedi fl-ahjar interess tal-minuri.*

*Anke fil-kawza fl-ismijiet* ***Jennifer Portelli v. John Portelli*** *(25 ta' Gunju 2003) l-istess Qorti qalet li "il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew fil-ligi antika u anke dik vigenti kif ukoll ta' gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita` u l-akbar vantagg ghall-interess tal- istess tfal li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissugerixxu".*

Ferm il-premess, jinghad illi l-istess jghodd ghal tfal imwieldin barra miz-zwieg. Jinsab assodat illi meta l-Qorti tigi biex taghti decizjoni li tirrigwarda tfal minuri,

---

1 App.169/03 B vs B deciz 3 ta' April 2009

il-principju basilari illi ghandu jiggwidaha huwa dak tal-aqwa vantagg u l-interess suprem tal-istess minuri.

**Kunsiderazzjonijiet**

**Kura u Kustodja**

Kunsidrati c-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, il-Qorti, wara li hasbet fit-tul fuq ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, hi tal-fehma illi huwa fl-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tieghu tigi affidata esklussivament f'idejn ommu l-attrici.

Jirrizulta mill-provi illi fattwalment il-minuri jinsab fil-kura u l-kustodja esklussiva ta' ommu l-attrici u li ilu ma jara lil missieru l-konvenut ghal zmien twil. Jirrizulta wkoll mill-atti[2] illi fis-15 ta' Dicembru 2016, il-konvenut gie kkundannat sentejn prigunerija kif ukoll inhareg ordni ta' trattament ghal zmien sentejn sabiex jigi mghejun johrog mill-vizzju tad-droga bi programm ta' riabilitazzjoni u b'ghajnuna psikologika.

Irrizulta wkoll illi l-assenza tal-missier fil-hajja tat-tifel tmur lura tista` tghid, sa mill-bidu nett ta' hajtu, kemm fizikament kif ukoll emozzjonalment. Mill-affidavit tal-attrici u mid-diversi rapporti esebiti, jirrizulta atteggjament aggressiv u vjolenti da parti tal-konvenut, dettat partikolarment mill-vizzju tieghu tad-droga, u ghalkemm l-attrici ppruvat tibni familja mieghu u ttih okkazjonijiet sabiex jinbidel, dan safa` inutili.

L-interess suprem tal-minuri jiddetta illi l-kura u kustodja tieghu ghandha tigi affidata esklussivament f'idejn l-attrici, inkluz id-decizjonijiet kollha relatati ma' l-istess minuri.

Il-Qorti hi tal-fehma, anke tenut kont tal-inkarcerazzjoni tal-konvenut u l-vizzju tieghu tad-droga, illi decizjonijiet dwar is-sahha, edukazzjoni u safar tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-attrici qua "custodial parent". Dan jinghad anke ghaliex diversi drabi jigri illi dwar dawn il-materji jkun mehtieg li jittiehdu decizjonijiet fi zmien qasir u ma jkunx fl-interess tal-minuri illi tali decizjonijiet ma jkunux jistghu jittiehdu fi zmien ragjonevoli konsegwenza tal-fatt li ma jkunx jista` jsir kuntatt mal-missier bl-urgenza li c-cirkostanzi jkunu jirrikjedu.

**Access**

2 Vide rikors tal-konvenut datat 20 ta' Frar 2017

Ghalkemm fit-tieni talba taghha, l-attrici titlob lil din il-Qorti tiffissa l-granet u l-hinijiet ta' access f'liema l-konvenut ghandu jara lill-minuri, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, hija titlob lill-Qorti sabiex ma takkordax access ghall-konvenut f'dan l-istadju in kwantu l-ambjent tal-habs ma huwiex ambjent konsoni ghal tifel ta' din l-eta`, u in kwantu l-konvenut jehtieglu l-ewwel jindirizza bis-serjeta` l-problema ta' droga illi ghandu.

Il-Qorti qieghdha tilqa` tali sottomissjoni u tirrileva illi ghalkemm in linea generali huwa fl-ahjar interess ta' kull tifel jew tifla illi jqattghu zmien kemm ma' missierhom u kemm ma' ommhom, jezistu wkoll ragunijiet serji bhal kaz odjern, fejn allura l-aqwa interess tal-minuri jkun jiddetta xort'ohra. Rilevanti wkoll illi l-konvenut ma ppartecipax f'dawn il-proceduri tant illi lanqas ipprezenta risposta guramentata. Ghalkemm hija gurisprudenza kostanti illi l-kontumacja ghandha titqies bhala kontestazzjoni, il-fatt li l-konvenut injora totalment dawn il-proceduri ippriva lill-Qorti milli tikkonsidra adegwatament jekk ikunx fl-ahjar interess tal-minuri kuntatt bejn il-minuri u bejn missieru sakemm dan ta' l-ahhar ikun qed jiskonta l-piena karcerarja fuqu inflitta kif fuq spjegat.

Il-Qorti ghalhekk sejra tirriserva lill-konvenut id-dritt ta' access favur il-minuri sabiex jekk jasal il-mument li huwa jigi skarcerat, jkun hieles minn kwalsiasi rabta mal-vizzju tad-droga u jhossu lest li jibda jiltaqa' mat-tifel b'mod regolari, isiru l-arrangamenti necessarji sabiex dan isehh minghajr ma ssir hsara lill-minuri li jkun ilu maqtugh minn ma' missieru ghal hafna zmien. Ghalhekk il-Qorti qed tirrizerva d-dritt lill-konvenut illi f'kaz li fil-futur huwa jiddeciedi li jibda jezercita access ghall-minuri ghandu qabel xejn jaghmel talba lill-Qorti f'dan is-sens.

**<u>Manteniment ghall-Minuri</u>**

Jirrizulta assodat fil-gurisprudenza patria illi l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied b'dan li t-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jigi kkalkulat skont id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ahjar skont il-mezzi taghhom u l-bzonnijiet tal-minuri, dejjem fl-interess suprem ta' l-istess minuri. L-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Jezistu elementi importanti in materja ta' manteniment bhal ma huma l-ispejjez bazici ta' spiza ghall-hajja u ghall-edukazzjoni tal-minuri li jridu jigu sodisfatti mill-obbligat, ikun xi jkun id-dhul tieghu sakemm il-Qorti tqis li dak il-minimu ikun fil-possibilitajiet tieghu.

Maghdud dan, fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-konvenut qieghed jiskonta piena karcerarja ta' sentejn li bdew f'Dicembru tas-sena 2016. In materja ssir referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **Charmaine mart Alfred Zahra f'isimha proprio u bhala**

**legittima rapprezentanti ta' uliedha minuri Shannon u Brandon vs Alfred Zahra**, fejn inghad:

*"Dwar il-manteniment din il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-fatt illi prezentement il-konvenut jinsab jiskonta sentenza karcerarja jew li hu dizokkupat. Filwaqt pero` li tiehu konjizzjoni ta' dan il-fatt, rebus sic stantibus, minn naha l-ohra ma tistax tinjora l-principju enuncjat f'bosta sentenzi illi d-dizokkupazzjoni ma hijiex per se` motiv biex tehles lir-ragel mill-obbligu tal-manteniment lejn martu u uliedu. Dan aktar u aktar imbaghad fejn, bhal f'dan il-kaz, id-dizokkupazzjoni tkun kolpuza (Vol. XXXVIII P II p 520); "Doris Mizzi -vs- Mario Mizzi", Appell, 19 ta' Mejju 2000);*

*Huwa gust ghalhekk illi d-drittijiet ta' l-attrici jigu f'dan ir-rigward pjenament rizervati."*

Il-fatt li l-konvenut bhala stat ta' fatt m'ghandu l-ebda dhul peress li jinsab inkarcerat, japplika l-principju ta' *nemo ad impossibilia tenetur*, u konsegwentement tirrizerva d-drittijiet tal-attrici in rigward, jekk u meta c-cirkostanzi tal-konvenut jinbiddlu.

Permezz ta' dan il-gudizzju qieghed jigi deciz ukoll il-mertu tar-rikors tal-konvenut datat 20 ta' Frar 2017.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut:

1. Tilqa` l-ewwel talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Jack D esklussivament f'idejn l-attrici b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja, inkluz dawk dwar l-edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, jittiehdu esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma tal-konvenut;

2. Tastjeni milli tiffissa granet u hinijiet ghall-access tal-missier f'dan l-istadju, filwaqt li jibqa' rizervat id-dritt lill-missier kif fuq spjegat.

3. Tilqa` t-tielet talba fis-sens biss li tiddikjara li l-konvenut hu obbligat illi jhallas ghal ibnu minuri retta alimentarja skond ic-cirkostanzi minn zmien ghal zmien. Minhabba c-cirkostanzi attwali tal-konvenut deskritti supra, il-Qorti mhiex tillikwida ammont ta' manteniment li l-missier ghandu jhallas; b'dan pero' li qed jibqa' rizervat id-dritt lill-omm u lill-iben sabiex f'kaz li c-cirkostanzi jitbiddlu jadixxu lill-Qorti fir-rigward.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ u tal-hames talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**